**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 146/00</u>***

***Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***vs***
***Mark Gauci***

Illum … ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis; u **Traffikar** tal-istess – *fil-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Lulju 1999.*

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li fiz-zmien inkriminat l-imputat kien fil-kumpanija ta' siehbu Kevin Bonello, hin minnhom dana talab lill-imputat sabiex jghatih sigarett li kien fih il-haxixa. Fil-fatt l-imputat tah is-sigarrett, Kevin Bonello qabbdu u t-tnejn kemm huma pejjpu dan is-sigarett flimkien. Fi kliem iehor x-xerjaw bejniethom dan il-joint. L-imputat ma talabx flus lil Bonello, u dana ma tahx flus.

Kien f' dan il-mument li l-pulizija li kienet qed tosserva l-movimenti ta' dawn iz-zewg zaghzagh interjenew, arrestawhom u elevaw il-joint li kien intrema fl-art ftit tal-hin qabel ma marru l-pulizija fuqhom.

Illi fil-fehma tal-Qorti dana mhux kaz ta' Traffikar izda huwa kaz fejn zewg zaghzagh iddeciedew flimkien li jaqsmu joint tal haxixa. F' dawn ic-cirkostanzi jikkonfigura r-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza tal-cannabis da parti tal-imputat, imma mhux ta' Traffikar.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati tar-reat ta' Pussess Illegali (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis u, wara li rat r-regolament 8 GN 292/39;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Victoria Grech ghal zmien tnax .il-xhar*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.   Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat tal-imsemmi provvediment.

Inoltre trodna lill-imputat ihallas is-somma ta' LM23.25 spejjez tad-dokument MM a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap.9

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***